MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 560/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Joseph Anthony Xuereb**
**I.D. 458992 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u hamsa u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€495.16), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni mas-servizz ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru 40007514 moghti mis-Socjeta’ attrici, skond diversi kontijiet mibghuta lilhu u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40007514.
IZY 2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40007514.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€495.16),bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------